**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 t' April 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stacy Gatt)**

**vs**

**Axl Mallia**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Axl Mallia iben Anthony u Sharon nee Parnis imwieled Pieta fl-10 ta' Jannar 2001, li jirrisjedi gewwa l-fond 175, Triq Isouard Marsa u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 23401(L)

   Akkuzat talli fit-2 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' 14:30hrs u jew fil-ħinijiet ta' qabel u ta' wara, ġewwa Triq Isourd fil-Marsa, u/jew f'dawn il-gżejjer;

1) Minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Julian Agius f'periklu ċar, ikkaġuna ġriehi ta' natura gravi permezz ta' arma regulari u/jew permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez fuq il-persuna tal-istess Julian Agius, hekk kif kien iċċertifikat minn Dr. Christina Sant Fournier (Med. Reg.6403)

2) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ġarr il-barra minn xi fond jew id-ditorni [sic] tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta minghajr liċenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tiegħu arma regolari u cioe strument li jaqta u bil-ponta, jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4) Ukoll talli kkaġuna lil ħaddiehor, u cioe lil Julian Agius il-biza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu jew kontra l-persuni jew il-propjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti jew aħwa subien jew bniet;

5) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra Julian Agius sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmel hsara;

6) Kif ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika Art 383, 384 385 tal-Kap 9 a favur Julian Agius.

Il-Qorti giet ukoll mitluba tapplika Art 412C tal-Kap.9 a favur Julian Agius.

2. Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u rat id-dokumenti kollha ezebiti, u l-atti kollha ta' dawn il-proceduri.

3. Rat li fis-seduta tas-7 t' April 2022, id-difiza ddikjarat li m'hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

4. Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fl-istess seduta dwar jekk hemmx ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5. Il-kaz odjern jikkoncerna allegat argument li sehh bejn l-imputat u Julian Agius, fejn allegatament l-imputat xejjer mus u laqghat lil Agius fuq wiccu, u konsegwentement ikkagunalu griehi ta' natura gravi.

6. Fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022 gie registrat is-segwenti verbal:

   *"L-Ufficjal Prosekutur tiddikjara li se jittiehdu passi kriminali fil-konfront tal-parti lesa f'dawn il-proceduri Julian Agius."*

7. Konsegwenza ta' din id-dikjarazzjoni, il-parti lesa, Julian Agius, ghazel li ma jwegibx id-domandi tal-Prosekuzzjoni fuq id-dinamika ta' dan l-incident sabiex ma jinkriminax ruhu.

8. Apparti dan ix-xhud, f'din il-kumpilazzjoni xehdu l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stacy Gatt, Dr Christine Sant Fournier, Stephanie Borg u diversi ufficjali tal-Pulizija. Giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-imputat, li fiha ghazel li ma jwiegeb ghal l-ebda domanda.

9. L-Ispettur Gatt xehdet dwar l-investigazzjoni li kienet ghamlet dwar l-allegazzjonijiet li ghamel Julian Agius fil-konfront tal-imputat, u l-investigazzjonijiet li ghamlet fir-rigward.

10. Dr Christine Sant Fournier xehdet dwar il-griehi li kellu f'wiccu Julian Agius meta ezaminatu fl-istess gurnata li fiha allegatament gew kommessi r-reati li bihom hu mixli l-imputat.

11. Diversi ufficjali tal-Pulizija xehdu dwar dak li kien qalilhom Julian Agius meta irraporta l-incident l-ghassa tal-Pulizija, l-feriti li kkonstataw fuq wiccu, dwar dak li qalilhom meta rega' gie mitlub imur l-Ghassa tal-Pulizija, u dwar l-involviment rispettiv taghhom fl-investigazzjonijiet li saru.

12. Ix-xhud Stephanie Borg, li tigi s-siehba ta' Julian Agius, xehdet dwar il-fatti li kkagunaw disgwid bejn Agius u l-imputat, pero ma kinietx prezenti meta sehh l-allegat argument bejn l-imputat u Agius.

13. Mix-xhieda prodotti jirrizulta li bejn l-imputat u Julian Agius inqala' disgwid koncernanti is-siehba ta' Agius, Stephanie Borg. Agius mar ikellem lill-imputat u hemm inqalghet glieda, li fiha Julian Agius allega li l-imputat xejjirlu daqqa' ta' mus fuq wiccu. Hu mar jirraporta l-incident l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun, u ittiehed l-isptar Mater Dei minhabba l-griehi li kellu fuq wiccu. Agius gie certifikat minn Dr Christine Sant Fournier li kellha griehi ta' natura gravi, konsistenti f'ferita superficjali ta' madwar tlett centimetri fuq il-hadd in-naha tax-xellug, u *"puncture wound"* superficjali fuq in-naha tal-lemin tal-imnieher.

14. Min-naha l-ohra fl-istqarrija tieghu, l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu, kif kellu kull dritt legali li jaghmel.

15. Kif diga inghad, f'dawn il-proceduri, il-parti leza Julian Agius ukoll ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu sabiex ma jinkriminax ruhu.

16. F'dan l-istadju tal-proceduri, il-Qorti trid tiddeciedi fuq il-kwistjoni ta' x'inhu l-livell ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti, bhala Qorti Istruttorja, tiddeciedi li jkun hemm ragunijiet bizzejjed sabiex l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza.

17. L-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali juza l-kliem *"ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza"*. Fl-ewwel lok din il-frazi tfisser li l-livell ta' prova li trid tressaq il-Prosekuzzjoni irid ikun oghla minn dak ta' suspett ragonevoli li l-imputat ikkommetta r-reati li bihom jinsab akkuzat. Suspett ragonevoli jiggustifika arrest u tfittxija, pero mhux bizzejjed ghal din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja biex tiddeciedi li l-imputat ghandu jitqieghed taht att t' akkuza. Il-livell ta' prova mressqa mill-Prosekuzzjoni irid ikun iktar oghli. Min-naha l-ohra, din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja m'ghandhix tesigi prova lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni – dik hija l-funzjoni tal-gurija jew tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

18. Fid-digriet **Il-Pulizija vs Dottor Lawrence Pullicino** moghti fis-17 ta' Marzu 1988, fejn qamet kwistjoni identika, din il-Qorti, diversament preseduta, analizzat fil-fond il-kazistika in materja, u waslet ghal konkluzjoni segwenti:

*19. "Mill-gurisprudenza citata jidher illi jezisti cursus curiae fis-sens illi l-principju li ghandu jigi uzat huwa fuq il-livell ta' ezami ta' possibilita sa massimu ta' probabbilita, pero dejjem prima facie."*

20. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Lebrun** deciza fid-9 ta' Frar 2007, il-Qorti Kostituzzjonali analizzat id-disposizzjonijiet li jirregolaw l-istruttorja u irriteniet hekk:

*"Sinifikanti huwa l-fatt li, ghalkemm fl-istadju kontemplat fl-Artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali, il-Magistrat jiddeciedi biss fuq bazi ta' prima facie – komparabbli ma' decizjoni*

*fil-kamp civili, li tittiehed kemm mill-Prim'Awla u kemm mill-Qorti tal-Appell ghal diversi finijiet, li hemm probabilis causa litiganti - u minghajr ma l-istess Magistrat jaghmel valutazzjoni tal-provi biex jara lil min jemmen jew, f'kaz ta' zewg verzjonijiet opposti, liema verzjoni ghandha tregi, fl-istruttorja il-Qorti hi obbligata li tigbor u tikkonserva wkoll il-provi mressqa mill-imputat jekk dan jaghzel li jressaq tali provi f'dana l-istadju.*

*14. Fid-dawl ta' dan li ghadu kif inghad, ghalhekk, meta l-Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, galadarba d-decizjoni hija wahda fuq bazi prima facie u minghajr ma jittiehed kont tal-provi mressqa mid-difiza, anke jekk dawn ikunu tressqu fl-istadju tal-istruttorja, ma jistghax jinghad li dik id-decizjoni hija "decisive for the determination of the criminal charge." Dik id-decizjoni la tidhol fil-meritu u anqas tista tincidi fuq il-meritu – dejjem s'intendi jekk il-gudikant ma jkunx esprima ruhu b'tali mod li jkun qal aktar minn dak li kien mehtieg li jghid. Huwa proprju ghalhekk li, fuq rinviju ghall-gudizzju maghmul mill-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(3) jew 433(5) tal-Kodici Kriminali, l-istess Magistrat li jkun iddecieda li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza jista' in segwitu jiddeciedi fil-meritu."*

21. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, ghal fini tal-proceduri odjerni, huwa bizzejjed li din il-Qorti tkun sodisfatta li l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi fl-eghluq tal-kumpilazzjoni, li jistghu legalment u ragonevolment iwasslu lill-Imhallef/Magistrat jew gurija debitament indirizzata li jsibu htija. Anki jekk il-kwistjoni tkun wahda dibattibli – cioe il-provi jistghu ragonevolment iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' htija, izda jistghu ukoll ragonevolment iwasslu ghall-konkluzjoni opposta – xorta jkun hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza. Anke jekk il-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni huma kontestati, din il-Qorti xorta trid tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed sabiex dan l-imputat jitqieghed taht att t' akkuza, stante li m'hijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti, bhala Qorti Istruttorja, li tiddeciedi definittivament il-kawza fil-meritu, imma biss li tiddeciedi jekk hemmx *"ragunijiet bizzejjed"*.

22. Din il-frazi *"ragunijiet bizzejjed biex jitqieghed taht att t'akkuza"* giet analizzata ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Mark Charles Kenneth Stephens vs L-Avukat Generali**, deciza fl-14 ta' Frar 2006, fejn gie ritenut hekk:

*"Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat, jew, bhalma qed jigi allegat f'dan il-kaz, ma jkunux jammontaw ghal reat taht il-ligi penali ta' Malta. Hekk, per ezempju, jekk l-imputat jigi akkuzat li seraq karozza, izda mill-provi jkun irrisulta li huwa veru seraq karozza, izda li s-serqa giet imwettqa f'pajjiz barra minn Malta u mhux f'Malta, il-Qorti Istruttorja tkun gustifikata tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza."*

23. Fid-dawl tal-konsiderazzjoni fuq esposti, din il-Qorti trid tiddeciedi jekk il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni sal-lum – liema provi jridu ovvjament ikunu provi ammissibbli – jistghux (mhux necessarjament ser) iwasslu persuna ragonevoli li tikkonkludi li (1) gew

kommessi ir-reati elenkati fic-citazzjoni u (2) li kien l-imputat li kkommetta dawn ir-reati, jew ghall-inqas uhud minnhom.

24. Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, mill-provi jirrizulta *prima facie* li fit-2 ta' Marzu 2022, Julian Agius sofra griehi ta' natura gravi fuq wiccu. Pero l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu iwasslu persuna ragonevoli tikkonkludi li kien l-imputat li kkaguna dawn il-feriti, u lanqas li huwa kkommetta xi wiehed mir-reati l-ohra li bihom jinsab mixli fic-citazzjoni. Kif diga inghad aktar il-fuq, dan ma garax minhabba xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, li debitament harrket lill-parti leza sabiex tixhed, izda ghaliex il-parti leza – l-unika xhud okulari ta' dan l-incident li jidher li kienet taf min hu l-Prosekuzzjoni – ghazel li ma jwiegibx ghad-domandi li sarulu dwar ic-cirkostanzi ta' dan l-incident, sabiex ma jinkriminax ruhu.

25. Fin-nuqqas tax-xhieda tal-parti leza, il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat, ghalkemm huma provi ammessibbli, huma biss prova ta' l-informazzjoni li l-parti leza tat lil dawn ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, u li se mai setghu jikkorroboraw ix-xhieda tal-partijiet leza, kieku dan xehed. Pero dawn il-provi wahedhom certament ma jistghux iwasslu persuna ragonevoli li tikkonkludi li l-imputat ikkommetta dawn ir-reati, stante li dawn il-provi ma jikkostitwux prova tal-verita tal-fatti li rrakkonta lilhom il-parti leza. Dawn il-persuni li xehdu – hlief ghat-tabib Dr Christine Sant Fournier - kollha hadu l-informazzjoni taghhom minn dak li qalilhom il-parti leza. La darba, il-parti leza ma xehedx, ix-xhieda ta' dawn il-persuni ma tistax tigi kkontrollata.

26. Rigward it-tabib Dr Christine Sant Fournier, ghalkemm din iccertikat li rat il-feriti gravi fuq wicc il-parti leza, kif diga inghad dan ix-xhud ma tistghax tghid li kien l-imputat li ikkaguna dawn il-griehi lill-parti leza, ghax hi ma kienx prezenti meta gara l-incident. Fil-fatt, fix-xhieda taghha Dr Sant Fournier korrettament illimitat ruhha sabiex tixhed biss fuq il-griehi li hi ikkonstatat fuq wicc il-parti leza. Min-naha tieghu, fiz-zewg stqarrijiet tieghu l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu. Pero meta gie arrestat, il-Pulizija innutaw li kellu griehi f'widnejh tax-xellug u anke demm ma widnejh, u ghaldaqstant haduh gewwa ic-Centru tas-Sahha tal-Furjana sabiex jigi ezaminat.

27. Mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Pulizija jirrizulta li minkejja t-tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, il-mus li allegatament uza l-imputat f'dan l-incident baqa' ma nstabx. Lanqas jirrizulta li hemm xi filmat tac-CCTV li gibed dan l-incident. Ghalkemm Agius qal lill-Pulizija li kien hemm terza persuna, habib tal-imputat, prezenti waqt dan l-incident, huwa qalilhom li ma kienx jaf x'jismu. Ma jirrizultax li l-Pulizija irnexxielha tindentifikah ghaliex dan ir-ragel ma ngabx bhala xhud.

**Konkluzjoni**

28. Wara li nghalqet il-kumpilazzjoni tal-provi kollha migjuba quddiemha kontra l-imputat, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti tiddeciedi illi m'hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att t'akkuza, u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tieghu mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

29. Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kumpilazzjoni jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi, flimkien mal-oggetti kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-htija.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**